**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U TLETIN**

**1 ta' April, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Vincent Marmara, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera Dr Claudio Zammit u s-Sur Raymond Grixti infurmaw li ma jistgħux jattendu (minħabba impenji ta' xogħol u minħabba raġunijiet familjari rispettivament) għas-seduta tal-lum. **Dok 1. u 2** mehmuża.

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**37.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

37.1.1 Il-minuti ta' seduta 36 ġew approvati.

**37.2** ***Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk /Reġjun Nofsinhar***

37.2.1 Il-minuti ma waslux.

***37.3*** ***Komunikazzjoni mis-Sindku***

37.3.1 Is-Sindku qal li dawn it-tliet snin f'din l-aħħar leġislatura kienu tliet snin pożittivi ferm. Hu rringrazzja lill-kunsilliera li taw sehem fil-Kunsill. Irringrazzja lis-Sinjorina Saverina Farrugia li agħmlet parti minn din il-

leġislatura u lis-Sur David Abdilla li kompla din il-leġislatura, fin-nuqqas ta'  Farrugia, u li sehem tiegħu wera' l-impenn tiegħu.  Is-Sindku żied jgħid li jawgura li leġislatura oħra, jerġa jkollha Kunsill maqgħud, fejn ikun jista jsir xogħol intensiv, kif sar minn dan il-Kunsill minħabba li kulħadd medd idejh għax-xogħol, mingħajr piki.  Irringrazzja lill-Kunsilliera  tas-sapport li taw lil xulxin u skuża ruħu jekk weġġgħa lil xi ħadd b'xi azzjoni, filwaqt li assigura li jekk kien il-każ, tali azzjoni ma kienetx intenzjonata.

Is-Sindku qal li jħossu sodisfatt li f'din il-leġislatura, l-Kunsill qatt ma ġa vot fuq xi kwistjoni, imma dejjem kien hemm qbil. Awgura li s-sagrifiċċju li kull Kunsillier jagħmel flimkien mal-familja tiegħu, jsarraf biex f'leġislatura oħra jerġa jkun hawn  l-kunsilliera preżenti,  u li ser jerġgħu jikkontestaw għal-leġislatura oħra.

37.3.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima rringrazzjat lis-Sindku Ignatius Farrugia tal-ħidma kontinwa tiegħu, tal-ħidma li saret flimkien magħha u tas-sapport lil taw lil xulxin.

37.3.3 Il-Kunsillier David Abdilla rringrazzja lis-Sindku tal-opportunita' li tah biex jingħaqad fil-Kunsill u talli ħeġġu biex jagħti l-kontribut tiegħu fiż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li x-xogħol tal-Kunsill mhux xogħol faċli, meta tqis li jsir prattikament fuq bażi volontarja u b'responsabbilta' kbira. Hu żied jgħid li għalkemm kien hemm mumenti ta' diverġenzi, fl-aħħar mill-aħħar dejjem kien hemm l-għan li ż-Żurrieq ikun aħjar.   Il-Kunsillier Dino Bonnici rringrazzja lill-Kunsilliera Ray Grixti u Dr Claudio Zammit li servew f'diversi leġlaturi u li taw servizz kbir lill-Kunsill u liż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lil kulhadd u skuża ruħu għal xi atteġġjament li setgħa għamel.  Hu żied jirringrazzja b'mod speċjali lis-Sindku talli japprezza x-xogħol li jagħmel kull Kunsillier u jfaħħru ta' dan.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qabel ma li qalu l-Kunsilliera l-oħra u żied jgħid li għalkemm hu flimkien ma' sħabu f'isem il-partit li jinsab fil-minoranza, dejjem ingħataw leħen f'din il-leġislatura u dejjem ħarġu sodisfatti. Din il-leġislatur servietu ta' esperjenza kbira.

Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia rringrazzja lis-Sindku, l-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna li tat u jistenna bil-ħerqa leġislatura oħra biex ikun jista jagħti sehemu għal ġid taż-Żurrieq.

37.3.4 Is-Sindku għalaq dan l-punt, billi irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff klerikali u manwali tax-xogħol siewi li jagħtu u jħeġġeġ li jsir pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjin.

***37.4 Sejħa gġall-Offerti: Contract Management Services***

37.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv  infurmat li s-servizz ta' contract management services ser jiskadi f'Ġunju li ġej, għġalhekk jeħtieġ li jerġa jinħareġ l-

avviż għal sejħa oħra.

Kien hemm qbil fuq dan.

***37.5*** ***Sejħa għall-kwotazzjoni: Legal Services***

37.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-servizz tal-avukat mal-Kunsill skada u jeħtieġ li tinħareġ sejħa oħra.
Kien hemm qbil fuq dan.

***37.6*** ***Financial Statements***

37.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-audited financial statements biex jiġu approvati mill-Kunsill u jkunu jistgħu jitqassmu lill-NAO.

**37.7** ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi***

37.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wriet key chain li għamel is-Sur Clifford Vella bir-ritratt tal-Mitħna tax-Xarolla fuq naħa u l-arma taż-Żurrieq fuq naħa oħra.

Kien hemm qbil li tali xogħol ikun approvat imma ma tkunx din il-leġislatura li waslet biex tintemm, li tordna xogħol ta' dan it-tip. Kienu inġabru ukoll stimi minn postijiet oħra li kienu orħos minn dawk ta' Clifford Vella.

37.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' iffirmar ta' kuntratt bejn il-Ministeru għall-familja u solidarjeta' u l-Kunsill Lokali, fejn fost l-oħrajn hemm klawżola 2.1.1 li s-sit ta' Dar Mattia Preti gġandu jintuża BISS għall-'Family resource centre'.

Kien hemm qbil unanimu li dan is-sit hu tal-Kunsill Lokali u li jintuża anke għal-korsijiet tal-lingwi u tal-IT u li dan il-kuntratt qatt ma jista jiġi ffirmat jekk ma jkunx emendat.

37.7.3 Il-Viċi Sindku Rita Grima ssuġġeriet li l-Kunsill bl-għajuna tal-Primary Health Care jibda jagħti s-servizz tal-walferina (INR), siegħa kuljum fil-berġa tas-saħħa taż-Żurrieq. L-ispiża finanzjarja hi ta' 10Euro fis-siegħa.
Kien hemm qbil unanimu fuq din l-inizjattiva u li din għandha tinbeda hekk kif il-Kunsill ikollu l-budget apposta għas-servizzi tal-Berġa.

37.7.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġiebed l-attenzjoni fuq dawn il-punti:

- sabiex isir yellow line fi Triq Serafin M Zarb, għaliex meta jkun hemm il-vetturi pparkjati qed jostakolaw l-aċċess għat-triq.
- Isir traffic management fl-akwata ta' Ġnien it-tfal taż-Żurrieq
- Traffic management madwar Ġnien il-Bennej biex Triq Dun Mikiel

D’Amato u Triq Frangisk Zahra jsiru ‘one way’ ‘l kontra ta’ xulxin.

37.7.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lis-Sindku fuq il-kwistjoni tar-reserved parkings li għamel mingħajr il-permess ta’ Transport Malta.
Is-Sindku qal li Transport Malta ffissat appuntament miegħu, imma minħabba l-impenji tal-kampanja elettorali ma setgħax jattendi. Is-Sindku informa li lest li jġib tali approvazzjoni hekk kif tagħddi l-elezzjoni.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab linji gwida minn Transport Malta fuq un/loading bays li jkollhom bżonn il-ħwienet. Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li l-Kunsill għandu jistaqsi lit-TM biex tivverifika jekk il-un/loading bays ta’ quddiem il-ħwienet humiex kollha bil-permess.

37.7.5 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li f’leġislatura oħra l-Kunsill għandu jagħmel survey tal-istat tal-bankini kollha fiż-Żurrieq u jiġi kkunsidrat li jibdew jinbidlu biex ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

37.7.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici ressaq il-petizzjoni li kull kunsillier irċieva mingħand residenti ta’ Triq Dun Gwann Camilleri, Vjal l-Indipendenza u Triq Vince Dimech biex is-sitwazzjoni tat-traffiku titreġġa lura għal dak li kienet fi snin preċedenti.

Kien hemm qbil li dan ix-xogħol kien sar b’approvazzjoni ta’ Transport Malta u li qabel ma inġabet l-approvazzjoni, l-Kunsill kien għamel avviż fil-Kunsill News li jitqassam f’kull dar u li dak iż-żmien kienet familja waħda biss li oġġezzjonat.

Kien hemm qbil li s-sistema tat-traffiku fl-akwata tibqa dik li hi bħalissa.

**37.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti**

37.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta’ pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta’ **€82,649.20.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta’ pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Vincent Marmara.

**37.9 Data tas-seduta li jmiss.**

37.9.1 Il-laqgħa ntemmet b’dan l-item fuq l-aġenda fit-7.25 ta’ filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta’ April, 2015, fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta’ April, 2015

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |